12 ta' Ġunju, 1951.
Imħallef:
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
Neg. John Falzon ne. *versus* Ronald R. Pace ne.

**Rakkomandatarju ta' Bastiment — Aġent tal-Vapuri — Illeġittimità tal-Persuna — Użi Merkantili — "Gatherings".**

*Hu paċifiku fil-ġurisprudenza merkantili illi r-rakkomandatarju ta' vapur għandu l-fakoltà li jirrappreżenta lill-armatur, u jista' jiġi ċitat għan-nom tiegħu; basta jkunu attijiet li ma jeċċedux il-ġeneru ta' affari li r-rakkomandatarju hu nkarikat minnhom.*

*L-aġenti tal-vapuri huma l-persuni nkarikati bil-konsenja tal-merkanzija; u għalhekk huma persuni leġittimi biex jirrispondu għal domanda dwar nuqqas ta' konsenja tal-merkanzija.*

*Huwa użu merkantili li l-"gatherings", ossija tixrid, li jinsabu f'"parcel" partikulari, għandhom jiġu konsenjati lid-destinatarju ta' dak il-"parcel" partikulari.*

*Huwa wkoll użu li meta jkun hemm merkanzija ta' l-istess ġeneru għal destinatarji diversi, allura, partikolarment meta l-kwantitativ tal-partiti tad-destinatarji jkun divers, issir fl-istiva separazzjoni bl-inċerajjet, biex it-tixrid ta' partita waħda ma jitħallatx mat-tixrid ta' partita oħra.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine ppremetta illi fit-23 ta' Jannar 1951 wasal Malta l-S.S. Cyrenaica b'kar'ku ta' 3073 xkora ross destinati għad-ditta attriċi (dok. A); illi wara li saret il-konsenja ta' 3059 xkora mill-partita ross in kwistjoni, il-kaptan irrifjuta li jikkonsenja lill-attur nomine r-rimanenti 14-il xkora, kif ukoll il-"gatherings" ammontanti għal 19-il xkora oħra; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji u jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut nomine jiġi kundannat sabiex fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn dina l-Qorti, jikkonsenja lid-ditta attriċi l-14-il xkora fuq imsemmija, kumplament ta' l-imsemmija partita ta' 3073 xkora ross, kif ukoll id-19-il xkora "gatherings" fuq imsemmija, li ma ġewx konsenjati, kif intqal aktar 'il fuq; u fil-każ illi huwa jonqos, jiġi dikjarat responsabili tad-danni kollha kaġunati lill-attur nomine — liema danni għandhom jiġu l'kwidati f'dan il-ġudizzju jew f'ġudizzju separat. Bl-ispejjeż, inklużi dawk

tal-protest tat-3 ta' Frar 1951, kontra l-konvenut interpellat għas-subizzjoni;

Rat fil-fol. 7 n-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut nomine, li fiha dan qal illi l-erbatax-il xkora ross li qiegħed jirreklama l-attur kienu ntilfu Bengħażi waqt il-ħatt tal-merkanzija konsenjabili f'dak il-port; illi l-"gatherings" reklamati mill-attur ma kienux tiegħu, imma ġew miġbura għall-konsenjatarju ta' Bengħażi, biex jagħmel fronti għax-"shortage" rapportat minnu; u li għalhekk id-domandi huma infondati;

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Illi, fol. 43, il-konvenut issolleva l-eċċezzjoni li tammonta għal eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna, fis-sens li qal li huwa qatt ma kien l-aġent tal-proprjetarju tal-bastiment "Cyrenaica", biss irċieva inkariku minn "Mazzone & Co.", ta' Ruma, biex ikun ir-rakkomandatarju ta' dan il-vapur għal dak li jkollu bżonn f'Malta;

Din l-eċċezzjoni ma hijiex sostnuta. "Ex concessis", il-konvenut hu rakkomandatarju tal-bastiment. Hu paċifiku fil-ġurisprudenza merkantili illi r-rakkomandatarju ta' vapur għandu l-fakoltà li jirrappreżenta l-armatur, u jista' jiġi ċitat għan-nom tiegħu; basta jkunu attijiet li ma jeċċedux il-ġeneru ta' affari li r-rakkomandatarju hu inkarikat bihom (ara App. "Page vs. Topp", 5. 7. 1906, Pres. Sir Joseph Carbone, Imħallfin Baruni Chapelle u Dr. Paolo Debono). Issa, il-materja ta' din il-kawża tidħol f'dak iċ-"certum genus causarum", għaliex huma appuntu l-aġenti tal-bastiment li huma inkarikati bil-konsenja tal-merkanzija; infatti huma jagħtu lid-destinatarju, fuq konsenja tal-polizza tal-kariku debitament ġirata, id-"delivery order", u għandhom "lien" fuq il-merkanzija għall-ħlasijiet, nol, eċċ. (ara klawsola 12 tal-polza, fol. 5);

Fil-meritu;

Deher soddisfaċentement mill-provi li kien hemm, għaddannu ta' l-attur nomine, in-nuqqas li minnu lmenta, ċjoè 14-il xkora ross "rjus", u 19-il xkora ross "gatherings" (tixrid). Il-kontestazzjoni tal-konvenut nomine ma hijiex aċċettabili. Wieħed ma jifhemx il-għaliex, jekk id-destinatarju ta' Bengħażi sofra xi nuqqas fir-ross li kellu jirċievi meta l-vapur għadda f'dak il-port, dan in-nuqqas għandu jsofrih l-attur no-

mine billi jiġi meħud mill-partita tiegħu. Hu fatt eżuberantement pruvat li lill-attur ġew konsenjati 14-il xkora anqas irjus, u li dawn l-14-il xkora k'enu hemm abbord. Jingħad li kienu ta' ħadd ieħor għaliex ġew mal-parcel ta' l-attur nomine u ma kellhom ebda marka speċjali. Mill-manifest, fol. 42, jidher li l-ixkejjer ma kellhomx marka appożita. Ġeneralment hu użu, f'każ ta' ross li jiġi minn Lixandra, bħal f'dan il-każ, li jiġi fi xkejjer sekondaman li ma jkollhomx marka. L-unika ħaġa ġusta li kellha ssir hija li jiġi verifikat jekk, minbarra r-ross ("irjus" u "gatherings") dovut lill-attur nomine, kienx hemm xi eċċedenza, li kienet tkun verosimilment il-kwantità "short-landed" Bengħażi; u aktarx li t-telegramm, li l-armaturi bagħtu lill-kaptan, kien f'dan is-sens (ara xhieda ta' Lateo fol. 38);

Ġie anki konkludentement pruvat illi kien hemm abbord "gatherings" fil-kwantitativ ta' 19-il xkora, li ma ġewx konsenjati lill-attur nomine. Dan kien l-uniku destinatarju ta' ross hawn Malta, u l-"gatherings" kienu mill-partita tiegħu. Hu użu merkantili f'din il-materja li l-"gatherings", ossija tixrid, li jinsabu f'parcel partikulari, għandhom jiġu konsenjati lid-destinatarju ta' dak il-parcel partikulari. Huwa anki użu li, meta jkun hemm merkanzija ta' l-istess ġeneru għal destinatarji diversi, allura, partikularment meta l-kwantitativ tal-partiti tad-destinatarji jkun divers, issir fl-istiva separazzjoni bl-inċrajjet, biex it-tixrid ta' partita waħda ma jitħallatx mat-tixrid ta' partita oħra. Il-Qorti ma għandhiex tikkonġettura li dan ma sarx, u hu aktar loġiku li tikkunsidra bħala ta' pertinenza ta' l-attur nomine dak it-tixrid li abbord kien mal-partita tiegħu. L-attur nomine — għandu jiżdied għall-aktar kjarezza — qiegħed jitlob il-"gatherings" li skond l-użu fuq imsemmi għandhom jingħaddu bħala derivanti mill-parcel tiegħu, u mhux qed jitlob dak l-ammont ta' tixrid li jirrappreżenta perdita inevitabili malgrado l-prekawzjonijiet kollha, kif juri l-prospett fol. 45 kif spjegat minnu għar-rigward tal-partita ta' 576 kilogrammi (ara xhieda tiegħu fol. 50 tergo). Hu pruvat anki b'dik ix-xhieda, mhux kuntrastata, illi n-nuqqas ma jistax jiġi attribwit għal "shrinkage", għax il-merkanzija kienet stagnata biżżejjed;

L-istanza hi għalhekk pruvata;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespingi l-eċċezzjoni ta' illeġittimità tal-persuna, sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Billi tilqa' l-ewwel talba, u għall-finijiet tagħha tipprefiġġi lill-konvenut nomine t-terminu ta' għaxart ijiem mil-lum, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Billi tilqa' wkoll it-tieni talba alternativa, f'każ ta' nuqqas tal-konvenut nomine, bl-ispejjeż kontra tiegħu; id-danni f'dan il-każ likwidabili f'ġudizzju separat.